SANTA LUĊIJA

Minuti

It-Tmien Leġislatura

Laqgha Numru 30/2021

29 ta' Lulju, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00 p.m.

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku

Kylie D'Amato - Kunsilliera

Liam Sciberras – Kunsillier

SKUŻATI:

Terrence Ellul – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti – Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa

30.1. **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qrat l-email ta' apoloġija li kien bagħat il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul. Huwa ġie skużat mil-laqgħa u fil-kuntest tad-data għas-seduta li tkun tmiss wara li xi kunsillier ma jkunx preżenti fuq proponiment tal-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar u kkonfermat mis-Sindku Charmaine St John il-Kunsill qabel li l-għada tal-laqgħa għandha tintbagħat e-mail bid-data tas-seduta li jkun imiss.

30.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 27-2021**

Il-Minuti tal-laqgħa numru 28-21 u numru 29-21 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa jekk kienx hemm xi update rigward ref punt 28.2 (nomina għal Ġieħ il-Lokalita') Il-Kunsill iddiskuta u qabel li kif tispiċċa l-laqgħa issir diskussjoni sabiex il-Kunsill jiddeċiedi fuq in-nomina.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa rigward ref punt 28.5.5 (community police) jekk kienx hemm xi update fuq is-suġġeriment tiegħu li jkun hemm sorveljanza waqt il-ħin li jidħlu u jispiċċaw mill-iskola. Is-Sindku Charmaine St John kkonfermat li l-community Police ma kellhom x'jaqsmu xejn mas-sorveljanza tal-iskola waqt dan il-ħin u li f'dan il-ħin ikun hemm il-preżenza tal-pulizija.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi rigward punt 28.5.6 il-murial li kien ġej fi Pjazza 7 ta' Lulju. Is-Sindku qalet li kienet ikkuntatjat l-artista' lil pero' sa issa ma kienux għadhom lesti. Hija għarrfet lill-Kunsill li l-kwotazzjoni tal-murial li għaliha kien ser iħallas il-Kunsill ma kinitx għadha waslet.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa għad-dettalji tal-proġett li kien ser isir fi Sculpture Garden minn Parks Malta. Is-Sindku qalet li sa issa kull informazzjoni li kellna kien permezz ta' video clip li kien qed idur fuq l-midja soċjali u kkonfermat li kienet ser tgħaddi kopja lill-kunsilliera.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa jekk kienx hemm xi updates minħabba l-kuntratt tal-Knis u Ġbir tal-Iskart. Is-Sindku Charmaine St John qalet li dan il-punt kien ser jiġi diskuss aktar tard fil-laqgħa.

Il-Kunsillier Dr. Liam Sciberras staqsa ref punt 28.9.2 (bicycle rack) kinitx saret. Is-Sindku qalet li sfortunatament il-kuntratturi kien għamel xi żmien l-isptar u li kellu jerġa' jibda jaħdem f'nofs Awwissu. Il-Kunsill awguralu fejqan ta' malajr.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li ref punt 28.9.6 kien bagħat e-mail sabiex dan il-punt jiġi kkoreġut. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba pero' ma kienx hemm qbil li dan il-punt jiġi rranġat. Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras talab sabiex issir transcription sħiħa ta' dan il-punt fil-minuti ta' din il-laqgħa u d-dikjarazzjoni tal-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar, li qal li ma kienx isib oġġezzjoni. Il-Kunsill qabel.

Din hija it-transcription sħiħa tal-laqgħa 28-21 tal-24 ta' Ġunju, 2021 li talab il-Kunsillier Dr Liam Sciberras.

Kunsillier Liam: L-ewwel nett tgħajjatx miegħi

Viċi-Sindku: U mhux qed ngħajjat

Kunsillier: Le tgħajjatx miegħi hu paċenzja

Viċi-Sindku: All right

Kunsillier Liam: Tgħajjatx miegħi

Viċi-Sindku: All right mhux qed ngħajjat miegħek

Kunsillier Liam: U skuża ruħek

Viċi-Sindku: niskuża ruħi?

Kunsilleir Liam: Skuża ruħek mela x'hiex.

Viċi Sindku: Mhux ħa niskuża ruħi ta' xhiex

Kunsillier Liam: Mela hu order li dan l-atteġġjament jiena ma naċċettahx. Jien qiegħed hawn Sinjura Segretarju jien miegħi ħadd ma jgħajjat lanqas ommi u missieri aħseb u ara dan.

Viċi Sindku: U tgħajjat tant int.

Deputat Seg Eżek: Ismgħuni, żommu l-kalma.

Kunsillier Liam: Aħseb u ara dan, aħseb u ara dan.

Viċi Sindku: Hi, x'affarijiet.

Sindku: U lanqas ma nkellmuhx bħala dan, dan il-Viċi-Sindku.

Viċi Sindku: X'affarijiet dawn

Kunsillier Liam: Illum żammejt id-dekor għaliex jiena naf

Deputat Seg Eżek: Kulħadd għandu jżomm l-etika

Viċi Sindku: Tiġi hawnhekk taqla' l-inkwiet hawn

Kunsillier Liam: Jien qed nagħmel xogħoli hawnhekk

Viċi Sindku: U iva

Kunsillier Liam: Jien qed insaqsi mistoqsijiet pertinenti ippermettili

Viċi Sindku: Qed taħlilna z-zmien inti

Kunsillier Liam: Dak x'taħseb int.

Viċi-Sindku Imma hekk naħseb. Taħlilna ż-żmien bħal ma tagħmel fuq il-facebook u kullimkien

Kunsilier Liam: Ma jfissirx li huwa vanġelu

Viċi Sindku: Tipprova twaqqa' għaċ-ċajt lil kulħadd.

Kunsillier Liam: Ma jfissirx li huwa vangelu li tgħid inti

Sindku: Tista' taddressja lili please

Kunsillier Liam: Jiena hawnhekk Sinjura Sinku qed nedressja lilek u lis-sedja, jiena hawnhekk qed nistaqsi mistoqsijiet pertinenti

Sindku: Qed nirrispondik jiena.

Kunsillier Liam: Għax jien jinteressani mir-raħal.

Sindku: Jien qed nirrispondik.

Viċi Siindku U anki aħna.

Kunsillier Liam: Evidentament jiena ma naċċettax attitudini li xi ħadd jgħidli li qed naħli l-ħin għax biex naħli l-ħin jiena flusi jiswa jiena ħini flusi

Sindku u Viċi-Sindku Kulħadd.

Kunsillier Liam: Bħal kulħadd, bħal kulħadd u nagħmlu għax jiena bħalkom għandi commitment.

| | |
|---|---|
| Sindku | Eżatt. |
| Kunsillier Liam | U allura għax għandi commitment ma naċċettax lil xi ħadd jiġi jgħidli li qed naħli l-ħin. |
| Sindku: | Issa jiena |
| Kunsilliera Kylie | Dik problema tiegħu Liam. |
| Sindku: | Jiena mort |
| Kunsillier Liam: | Dan l-atteġjament, mhux problema tiegħu |
| Kunsilliera Kylie | U mela, dak il-ħin problema tiegħu. |
| Kunsillier Liam: | Qiegħdin f'istitituzzjoni lokali u governattiva u l-etika tal-Kunsill Lokali ma taċċettax dan it-tip ta' attaġġjament, issa jekk aħna nies u mhux bhejjem għaliex dak l-atteġġjament huwa ta' bhima. |
| Viċi Sindku: | Eh, dan żgur, Irtirha din, trid tirtirha ser nirrapurtak lil tal-Bord tal-Governanza. |
| Sindku: | Oj Oj Out of order, out of order. |
| Kunsillier Liam: | Irraporta |
| Viċi Sindku: | Irtirha, irtirha |
| Kunsillier Liam: | Lanqas xejn, |
| Viċi Sindku: | Mela jiena ser nirrapurtah lil-Bord ta Governanza talli għajjartni hekk. |
| Kunsillier Liam: | U irraporta. |
| Sindku: | Din unacceptable li tgħajjar lill-Viċi Sindku bhima. |
| Kunsillier Liam: | L-atteġjament u mhux il-persuna, l-attegjament ta' annimal, l-atteġjament ta' annimal nibqa' nirrepetiha, nibqa' nirrepetiha, l-atteġgjatament ta' bhima ma naċċettaħx. |
| Viċi Sindku: | Għid kemm trid jien naqra hawn dana imma qatt ma għajjart nies jiena. Int makakk. |
| Kunsillier Liam: | L-attegjament ta' bhima ma naċċettahx. |
| Viċi Sindku: | Jien qomt madame, mhux ħa npoġġi bilqiegħda miegħek |
| Sindku: | Out of order Alex |
| Kunsillier Liam: | Min jgħajjat huwa bhima. |
| Deput Seg Eżek: | Kulħadd irid iżomm il-kolp. |

Transcription tal-istqarrija tal-Viċi Sindku li ukoll talab għaliha l-Kunsillier Dr. Liam Sciberras

| | |
|---|---|
| Vici Sindku | Jiena nixtieq ngħid xi ħaġa għaliex inħoss li għandi ngħid xi ħaġa għax ma jistax ikun jiena l-ewwel nett jiddispjacini, iddispjaċut li ilni 27 sena hawnhekk fuq din il-mejda |
| Sindku | U ġejt mgħajjar hekk arukaża. |
| Viċi Sindku | U jiena magħmul hekk nargumentaw jew dan u nirrispettah |
| Dep Seg Eżek. | Mhux paċifikament qed nitkellmu |
| Viċi Sindku | Imma li jgħajjarni hekk jekk mhux ser jirtirha le jiena ser nikteb lid-direttur tal-Kunsilli Lokali, Sur Sindku, Madame Sindku ser niktiblu lilu u lill-Prim Ministru ukoll li jien ġejt mgħajjar hekk. |
| Sindku: | Jiena naħseb anki jiena għandi bżonn nikteb rapport hu fuq dan. |
| Viċi-Sindku | Jiġifieri mhux aċċettabli jiena hawn qatt ma smajt u jinsisti u jibqa' jirrepetiha darbtejn jew tlieta, |
| Sindku: | Tlieta żgur. |
| Viċi-Sindku | Tlett darbiet jiddispjaċini u qed nagħmlu qed ngħid hawn, jiena nirispettabbli għaliex huwa għalija huwa politiku u hekk u jiena jiena nħossni hawnhekk jiena hekk magħmul jiena politiku membru ta' partit u hawn qiegħed hawn nirraprezenta lil parti tiegħi ukoll. |

## 30.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

*Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru CM 30-21 għal perjodu bejn 23 ta' Ġunju, 2021 sal-, 28 ta' Lulju, 2021 u minn ċekk numru BOV 8338 sa ċekk numru BOV 8348 u minn Bank Transfer 155-21 sa 176-21.*

### 30.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

#### 30.4.1 *Filming*/Żfin

Is-Sindku Charmaine St John ressqet talba sabiex skola tagħmel użu minn Ġnien is-Serenita' u jieħdu xi filmati ta' żfin. Il-Kunsill approva din it-talba.

#### 30.4..2 Triq il-pensjeri Culverts

Is-Sindku Charmaine St John qrat ir-rakkomandazzjoni tal-perit rigward il-culverts li hemm fi
triq il-pensjeri. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nerġgħu nitkellmu mal-Perit sabiex il-culverts ma jerġgħux isiru u jinkisru f'qasir żmien.

#### 30.4.3 Xogħolijiet ta' Bankini/Karmiġ

Is-Sindku ressqet ir-risposta tal-Kunrattur rigward il-lista tal-bankini li l-kuntrattur qiegħed jikkonferma li għandhom diversi ħsarat. Is-Sindku ressqet il-lista lill-kunsilliera. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li issa għandna nitolbu għal kwotazzjonijiet tal-aktar bankini li huma fi stat ħażin.

#### 30.4.4 Proposta fi Triq il-Vjoli

Is-Sindku qrat e-mail ta' proposta fi Triq il-vjoli sabiex il-Kunsill iżid post bil-ħamrija bħala sol fuq il-bankina sabiex din ir-residenta tiżirgħu bil-fjuri. Il-Kunsill qabel.

**30.4.5 Kwotazzjoni għal Soft Areas**

Is-Sindku qalet li l-kuntrattur li kien qed jagħtina s-servizz sabiex jieħu ħsieb is-soft areas f'Santa Luċija ukoll ma kienx qed jonora l-kuntratt li kellu mal-Kunsill. Hija qalet li l-Kunsill ma kellux alternattiva oħra ħlief li jilħaq ftehim sabiex jaqa' l-kuntratt ukoll. Is-Sindku ressqet kwotazzjoni li l-Kunsll kien irċieva mingħand kuntrattur ieħor li l-Kunsill kien ser iqabbad sakemm isir kuntratt ġdid. Il-Kunsill qabel.

**30.4.6 Kwotazzjoni Street cleaning u grass cutting**

Is-Sindku qalet li l-kuntrattur tal-knis ma kienx qed jonora l-kuntratt u għalhekk kien intlaħaq ftehim biex il-kuntratt jaqa'. Is-Sindku qalet li kienet iltaqgħet ma' cleansing Department li kien ser jibdew jagħtuna s-servizz tal-knis minn nofs Awwissu sakemm il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li noħorġu kuntratt ġdid. Permezz ta' dan is-servizz ġdid minn Cleaning Department il-kunsill kien ser jibbenefika minn żewġ kenniesa u jħallas għal kennies wieħed biss. Il-Kunsill approva din il-proposta.

**30.4.7 Skema sabiex sir il-manutenzjoni tal-binjiet tal-Gvern minn barra.**

Is-Sindku ressqet e-mail li l-Kunsill kien irċieva rigward il-manutenzjoni tal-binjiet tal-Gvern minn barra. Hija qrat l-email lill-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u l-Kunsillier Dr Liam Sciberras talab kopja tal-istess e-mail. Is-Sindku kkonfermat li kienet ser tintbagħat lill-Kunsilliera kollha.

**30.4.8 Proġett Ambjent**

Is-Sindku qalet li flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv kienet attendiet laqgħa b'mod virtwali ma Ambjent Malta. Hija spjegat li l-Kunsill kien tefa' applikazzjoni sabiex isiru bankijiet u dwal ġodda f'żewġ lokalitajiet:

1. Triq Inez Soler

2. Triq Begonja

Is-Sindku spjegat li l-Kunsill kien ser jibbenefika minn fondi ta' €23,800 sabiex isir dan il-proġett.

**30.4.8 Mistoqsija mill-Kunsillier Sciberras**

Is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier Dr Liam Sciberras x'ried ifisser bl-email li kien bagħat lill-Kunsill rigward il-patching li kien sar f'Maria de Domenicis mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dan il-punt fejn is-Sindku kkonfermat li ser terġa' tmur tara jekk bix-xogħol li kien sar mill-ħaddiema tneħħa l-periklu jew le sakemm issir il-bankina minn Infrastructure Malta.

**30.4.9 Sejħa Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku għarrfet li l-Kunsill kien irċieva direttiva sabiex il-Kunsilli li għandhom il-post ta' Segretarju Eżekuttiv vakant issa kienu f'pożizzjoni li jistgħu joħorġu sejħa.

**30.4.10** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtaqet li l-Kunsill jikkonferma li meta kienet qed tibgħat e-mails lill-Kunsilliera dawn qiegħdin jitqiesu uffiċjali. Saret diskussjoni fejn il-Kunsillier Dr Liam Sciberras baqa' jsostni li kull komunikazzjoni li kienet ser tibgħat lill-Kunsilliera kellha tintbagħat bħala memo iffirmata. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv baqgħet issostni li ma kinitx ser tagħmel dan mid-dar tagħha għaliex kien ser joħdilha aktar ħin, u tħoss li l-Kunsill kellu jiffaċilizza s-sitwazzjoni tagħha peress li ma kinitx full time mal-Kunsill ta' Santa Luċija.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras ġie skużat mil-laqgħa 6.50pm.

**30.5 Mozzjoni – Żvilupp Triq il-Ġibjun**

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Kylie D'Amato qalet li kienet tixtieq tbiddel il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tad-deċiżjoni li kienet ħadet fuq l-iżvilupp fi Triq il-Ġibjun li l-Kunsill jimxi fuq id-deċiżjoni tal-Planning Authority.

Il-Kunsill iddiskuta pero' l-kumplament tal-Kunsill preżenti qablu li d-deċiżjoni u l-vot fuq dan il-punt diġa' kien ttieħed u l-Kunsill kien ser jibqa' ma din id-deċiżjoni.

**30.6 Disinn – Drip Irrigation – Ġnien is-Serenita'**

Is-Sindku Charmaine St John qalet illi l-Evaluation Board kien iltaqa' nhar is-Sibt ta' , sabiex iddiskuti l-Kuntratt tat-Tender Drip Irrigation. Is-Sindku qal illi għal dan il-Kuntratt kienu ntefgħu erba' offerti li kollha kienu *compliant* kemm Teknikament kif ukoll Finanzjarjament. Is-Sindku ssuġġerixxiet li l-Kunsill għandu jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-bord u jagħti l-kuntratt lill-orħos offerta li kienet intefgħet għal dan il-kuntratt. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li l-Kunsill jgħid l-operatur sabiex jikkordina x-xogħol ma Parks Malta.

**30.7 Rapporti**

Waqt din il-laqgħa ġew approvati dawn ir-rapporti:

Ir-Rapport ta' kull xahar maħruġ mill-Contracts Manager tal-Kunsill li jinkludi rapport għax-xahar ta' Lulju, 2021 workplan għax-xahar ta' Lulju 2021 kif ukoll rendikont tal-ħidma marbuta ma dan is-servizz ta' Lulju, 2021.

**30.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**30.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-sedua li jmiss**

Il-Laqgħa ntemmet 7.11pm, laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Awwissu, 2021 fil-5:00pm. Konfermati ullum il- _______________ta' ______________ 2021.

Iffirmati
Charmaine St John
Sindku

Iffirmati
Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Eżekuttiv